MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 436/2002/1

**DHL International Ltd**

**Vs**

**Ripard Larvar and Ripard Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm533), rapprezenanti dazju u VAT imhallas mis-socjeta attrici ghan-nom tas-socjeta konvenuta, wara li s-socjeta attrici garret merkanzija tas-socjeta konvenuta.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata, naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra li s-socjeta konvenuta, tramite r-rapprezentant taghha, ikkontestat biss is-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) [ara verbal tas-seduta tal-5 ta' April 2002 a fol. 8 tal-process].

Ra li s-socjeta konvenuta naqset milli tidher ghas-seduti ta' wara u milli tressaq provi.

Ghaldaqstant, wara li t-Tribunal ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm533).

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**